**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

ABC Imports Limited (CXXX)

*vs*

SAOH. (K.I. XXX)

**Rikors ta' ABC Imports Limited:**

Tesponi bir-rispett,

Illi permezz ta' ittra mibgħuta *ai termini* tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 li ġġib in-numru XX/XXXX, l-intimat ġie interpellat iħallas is-somma ta' €X rappreżentanti bilanċ minn valur akbar ta' kambjala maħruġa mis-Soċjeta' esponenti u aċċettata mid-Debitur, liema kambjala għalqet nhar is-XX, liema ittra saret titolu eżekuttiv kontra l-intimat u tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "A";

Illi dan it-titlu eżekuttiv għadda in ġudikat stante li l-intimat ma opponiex għall-eżekuzzjoni ta' tali kambjali fi żmien għoxrin jum minn meta rċieva l-ittra uffiċjali suriferita *ai termini* tal-*proviso* tal-Art. 253(e);

Illi mis-somma kanonizzata kif fuq ingħad, l-intimat ma ħallasx is-somma totali minnu dovuta, u qiegħdin jiddekorru l-imgħaxijiet fuq l-istess somma, tant li llum is-somma dovuta mill-intimat hija dik ta' €X;

Illi skont taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż, li kopja tagħha tinsab annessa u mmarkata Dok. "B", l-ispejjeż jammontaw għal XX oltre l-VAT fl-ammont ta' XX, li b'kollox jagħmlu €XX;

Illi jsegwi għalhekk li l-ammont dovut mill-intimat lill-esponenti sal-lum jammonta għal XXX;

Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Art. 258(e) tal-Kap. 12, l-esekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv bħal dak li ottjeniet l-esponenti, wara l-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li fih skont il-liġi seta' ġie esegwit tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi l-esponenti għandu interess li jkompli bl-eżekuzzjoni tal-imsemmi titolu eżekuttiv;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett illi fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap. 12, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li l-esponenti ottjeniet fil-konfront tal-intimati in virtu tal-ittra uffiċjali numru XX/XX fl-ismijiet "ABC Imports Limited *vs* SAOH";

Bl-ispejjez.

Avv. Marthese Grech
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: X
Intimati: Y